# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2002**

**Avviz numru : 26/2002GT(GM)**

**Joseph u Antonia konjugi Vella**

**vs**

**Emanuel u Carmen konjugi Mercieca**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Tghidu intom konvenuti l-ghaliex m'ghandkomx tigu kkundannati li thallsu solidalment bejnietkom is-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin liri maltin u tlieta u tletin centesimi (Lm683.33) dovuti bhala hlas tal-kera tal-garage bla numru u formanti parti minn korp ta' bini maghruf bl-isem ta' "Vella Flats", Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex, mikri lill-konvenuti bi skrittura tat-8 ta' Ottubru 1999 – Dok. A – u liema kera giet terminata fl-20 ta' Jannar 2002, liema hlas huwa dovut in kwantu ghas-somma ta' Lm400 tirrapprezenta l-bilanc tal-kera ghall-iskadenza 2000-2001, liema kera kienet Lm600 fis-sena, u in kwantu ghas-somma ta' Lm283.33 rapprezentanti l-hlas pro rata tal-kera mit-8 ta' Ottubru 2001 sal-20 ta' Jannar 2002, meta l-konvenuti irritornaw ic-cwievet tal-fond lill-atturi, liema kera kienet ta' Lm1000 fis-sena.**

**Bl-imghaxijiet.**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Frar 2002.**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin."**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati izda la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-22 ta' Marzu 2002 u dik tallum ;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tal-atturi li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokument esebit;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-atturi u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' sitt mija u tlieta u tmenin liri Maltin u tlieta u tletin centesimi (Lm683.33), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-atturi quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Frar 2002 a kariku tal-konvenuti.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**